MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 776/2011

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Johan Vella (K.I. 569580M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, hames mija u disghin ewro u hames centezmi (€1,590.05) in konnessjoni ma’ servizz/i ta’ kommunikazzjoni, numri tal-kont A/C51039604, moghtija mis-socjeta’ attrici u dank if ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza. Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjez, bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-26 ta’ Jannar, 2012 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------